

- 2) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċċali, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi li Stat Membru jitqies bħala l-Istat kompetenti sabiex jagħti benefiċju tal-familja lil persuna għas-sempliċi fett li din tal-aħħar għandha domiċilju rreġistrat fit-territorju ta' dan l-Istat Membru mingħajr ma hija u l-membri tal-familja tagħha jaħdmu jew jirrisjedu b'mod abitwali fl-imsemmi Stat Membru.

(¹) ĠU C 260, 07.09.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracini teismas – il-Litwanja) – “Vilniaus enerġija” UAB vs Lietuvos metrologijos inspekcijos Vilnianus apskrities skyrius

(Kawża C-423/13) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-merkanzija — Miżuri li għandhom effett ekwivalenti — Direttiva 2004/22/KE — Verifikasi metroloġiċi tas-sistemi ta' kejl — Arloġġ tal-ilma sħun li jissodisa r-rekwiżiti kollha ta' din id-direttiva u li huwa konness ma' mezz għat-trażmissjoni ta' data minn distanza (ta' telemetrija) — Projbizzjoni li dan l-arloġġ jintuża mingħajr verifikasi metroloġika minn qabel tas-sistema)

(2014/C 409/23)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracini teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: “Vilniaus enerġija” UAB

Konvenuta: Lietuvos metrologijos inspekcijos Vilnianus apskrities skyrius

Dispożittiv

L-Artikolu 34 TFUE u d-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar l-strumenti tal-kejl, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali, li, skont dawn, arloġġ tal-ilma sħun, li kien jissodisa r-rekwiżiti kollha ta' din id-direttiva, konness ma' mezz għat-trażmissjoni ta' data minn distanza (ta' telemetrija) għandu jitqies li huwa sistema ta' kejl u, minħabba dan il-fatt, ma jistax jintuża konformement mal-iskop tiegħi sakemm huwa ma kienx suġġett, ma' dan il-mezz, għal verifikasi metroloġika inkwantu sistema ta' kejl.

(¹) ĠU C 304, 19.10.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-11 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof van beroep te Antwerpen – il-Belġju) – Ronny Verest, Gaby Gerards vs Belgische Staat

(Kawża C-489/13) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq id-dħul — Leġiżlazzjoni għall-ħelsien minn taxxa doppja — Impożizzjoni ta' taxxa fuq id-dħul minn proprjetà immobblī riċevut fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' residenza — Metodu tal-eżenzjoni b'rizzera ta' progressività fl-Istat Membru ta' residenza — Differenza fit-trattament bejn proprjetajiet immobblī li jinsabu fl-Istat Membru ta' residenza u dawk li jinsabu fi Stat Membru ieħor)

(2014/C 409/24)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van beroep te Antwerpen